C/2024/6856

12.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11733 – BMWK / MOF NDS / MEYER GERMANY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6856)

1. Fl-4 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Meyer Werft Beteiligungs GmbH (il-Ġermanja), ikkontrollata mill-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Azzjoni Klimatika ("BMWK", il-Ġermanja),

— Hannoversche Beteiligungsgesellschaft Niedersachsen mbH (il-Ġermanja), ikkontrollata mill-Ministeru tal-Finanzi tal-Istat tas-Sassonja t'Isfel ("MoF NDS", il-Ġermanja), u

— Meyer Werft GmbH ("Meyer Germany", jew il-"Mira", il-Ġermanja).

BMKW u MoF NDS se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll konġunt fuq Meyer Germany kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni se sseħħ permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— BMWK għandha parteċipazzjoni azzjonarja maġġoritarja f'diversi kumpaniji privati u bħalissa ma għandha l-ebda attività kummerċjali fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-bastimenti,

— MoF NDS għandha parteċipazzjoni azzjonarja maġġoritarja f'diversi kumpaniji privati u bħalissa ma għandha l-ebda attività kummerċjali fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-bastimenti,

— Meyer Germany hija attiva prinċipalment fil-kostruzzjoni u l-bejgħ ta' bastimenti tal-kruċieri – kemm għall-kruċieri tax-xmajjar kif ukoll tal-baħar / tal-oċeani – ta' kull daqs sa 185 000 tunnellaġġ gross.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11733 – BMWK / MOF NDS / MEYER GERMANY

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË